**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 24 ta` April 2019**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**Vs**

**MANUEL ABELA**

Kump Nru 219/2013

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Manuel Abela** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 5980M, gie akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Novembru 2010 u t-23 ta' Novembru 2010, ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija u s-siegha u nofs ta' filghodu, fi Triq Guze

D’Amato Paola ikkomettejt serq ta’ *battery* tal-marka VARTA, *battery chrger, fuses, relays* u *switches* minn go vettura tal-marka Isuzu tal-ghamla *cherry picker* ta’ lewn isfar u ahdar, bin-numru tar-registrazzjoni GNG222, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta’ Godwin Horace Pio Attard minn Paola;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fuq vettura tal-marka Isuzu u tal-ghamla cherry picker, ta’ lewn isfar bl-ahdar bin-numru tar-registrazzjoni GNG 222, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta’ Godwin Horace Pio Attard minn Paola.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-5 ta’ Marzu 2013 (ara *folio* 5) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f’dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, fejn *inter alia*, d-difiza ghamlet referenza ghas-sentenza ta-Qorti ta` l-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs Anthony Abela” (28/05/1998 PV) u ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali “Il-Pulizija vs Jonathan Mizzi” (13/10/2015 Kump 412/2013 NC), liema sentenzi gew meqjusa.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-provi mressqa f’dan il-procediment kienu s-segwenti.

**Spettur Darren Buhagiar** ikkonferma li kien ircieva rapport fit-18 ta’ Novembru, 2012 minghand id-dipartiment tal-Forensika li kien hemm certu vettura li giet ezaminata ghall-finger prints u instab li kien hemm rizultat pozittiv. Huwa kien baghat

ghal min kien ghamel ir-rapport u cioe Godwin Attard u kelmu u wara kien baghat ghall-imputat. L-imputat kien in segwitu irrilaxxja stqarrija li tinsab esebita fl-atti u mmarkata bhala dok DB1.[1] Ix-xhud jispjega li l-imputat, ghall-ewwel beda jinnega l-involviment tieghu pero mbaghad beda jindikalu l-post, data u hin tas-serqa u l-imputat ammetta li kien ha diversi oggetti minn go vettura li kienet hdejn il-bandli ta' Rahal il Gdid. Qal li ma kienx jaf min kien is-sid tal-vetttura u li sabiex ha l-oggetti kien illieva il-bieb. Qallu meta gie biex jiddeskrivi il-vettura li kien cherry picker u li kien wahdu meta ghamel is-serqa. Esebixxa ukoll kopja tal-PIRS report li gie mmarkat bhala dok DB2.[2]

**PS 1238 Clive Brimmer** xehed u spjega li kien stazzjonat fid-dipartiment tal-Finger Prints tal-Pulizija meta nhar it-23 ta Novembru 2010 kien mar certu Godwin Attard fil-kwartieri Generali tal-Pulizija u talbu biex idurlu l-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni GNG 222 ghaliex kien sab xi affarijiet neqsin. Spjega li din hi procedura normali, ezamina l-vettura u sab hames lifters konsistenti f'impronti digitali mill-lok fejn Godwin Attard kien qal li nstabu l-affarijiet neqsin. F'din il-procedura jintuzaw il-pniezel u powders apposta biex jigu elevati finger prints u/jew palm prints. Una volta jelevhom jara liema huma it-tajbin u jipprocesshom fis-sistema tal-AFIS. Pero ma kienx hu li poggihom fis-sistema. Huwa kull ma ghamel kien li eleva il-lifters, ipprocesshom u ddokumenthom. Dan hu kollu rapportat fir-relazzjoni tieghu li huwa pprezenta u li giet immarkata bhala dok CB.[3]

**Godwin Attard** xehed li huwa ghandu Cherry Picker bin-numru ta' registrazzjoni GNG 222 u kien ipparkjat fil-pjazza ta' Rahal Gdid u l-ghada filghodu kien sejjer ghax-xoghol bih u induna li kienu serqulu xi affarijiet. Il-vettura sabha sgassata. Qal li litteralment ma setghax ihaddem it-truck  Wara kien sab xi affarijiet nieqsa minn go fih, fosthom ir-relays, il-battery, ic-charger tieghu, il-qalb tieghu biex thaddem cherry picker u ghalhekk mar jaghmel rapport l-ghassa u talbuh biex imur id-Depot biex isir xi tfittix ghal xi finger prints minn gol-vettura u hekk ghamel. Huwa pprezenta survey report relatat ma dan l-incident u dan gie mmarkat bhala dok GA.[4] Qal li s-socjeta

---

1
[1] Fol. 21
2
[2] Fol. 37
3
[3] Fol. 27
4

assikuratrici tieghu l-Elmo Insurance halsitu is-somma ta' €1,598.47[5] pero ma halsuhx tal-*loss of use* u qalulu li kellu ifittex bil-privat. Qal li dan jinkera €70 kuljum. Minkejja li huwa nefaq is-somma ta` €2,590.37 biex xtara il-parts huwa inghata biss €1,598.47. Qal li kieku inkera dan it-trukk mill-25 ta' Novembru, 2010 sat-2 ta' Frar 2011 u cioe 69 days kien jaqla €4,830[6] u dawn tilifhom ghax ma setghax jikrih. Mistoqsi jekk jafx lill-akkuzat prezenti fl-Awla jghid li ma jafux. Rah biss fis-seduta precedenti fl-Awla tal-Qorti.

In kontro-ezami jghid li t-truck kien juzah biex jahdem bih u dejjem ihallih barra fit-triq matul il-lejl. Mistoqsi jekk setax ikompli jahdem bit-truck jghid li le u dan ghaliex bhala apparat dan gie misruq. It-truck per se kien jahdem pero mhux bhala cherry picker kif kien destinat. Kien jinsab bla modem, bla qalb tieghu u bla battery. Li insteraq kien l-apparat li kien hemm fuqu.

**Joseph Mallia** l-espert tekniku tal-fingerprints xehed u pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dok JM[7]. Huwa ghamel l-ezami komparattiv bejn l-impronti tal-akkuzat li huma mmarkati bhala dok JM[8] u dawk l-impronti elevati fil-mori tal-investigazzjoni.

Minn ezami ta` dan ir-rapport (ara fol. 10 tar-rapport) jidher li l-impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter *document* 10 CSE 304 giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id il-leminija ta' Emanuel Abela detentur tal-karta ta` identita` numru 5980(m).

In kontro ezami jikkonferma li kien hemm impronta li kienet immarkata bhala Dok 10 CSE304 li kienet taqbel mal-marka tas-seba l-kbir tal-id il-leminija ta` Emanuel Abela.[9]

---

[4] Fol. 49

5

[5] Fol. 54 remittance mahruga mis socjeta ELMO

6

[6] Fol 55 Dok GNG

7

[7] Fol. 70

8

[8] Fol 68

9

[9] Fol. 106

**PS 100 Terence Azzopardi** kkonferma li kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid nhar it-23 ta' Novembru 2010 meta dakinhar ghall-habta ta' 7.30a.m. u it-8.00a.m. kien mar certu Godwin Attard jaghmel rapport li xi hadd mhux maghruf kien sgassalu l-kaxxa ta fejn ikollu l-battery tac-cherry picker tieghu, hadlu l-batterija u xi affarijiet relatati mal-electronics ta' din il-batterija. Fil-fatt kien issuggerilu biex imur id-depot biex jaraw jekk kienx hemm xi finger prints fuq it- truck u sa fejn jaf hu hekk ghamel. Muri ir-raport a fol. 37 mmarkat bhala dok DB2 ikkonferma li dak gie redatt minnu.

**Karen Cremona** xehdet in rappresentanza ta' Transport Malta u kkonfermat li ic-cherry picker numru ta' registrazzjonni GNG 222 kien, fit-23 ta' Novembru 2010, registrat f'isem Godwin Attard. Ikkonfermat li l-pjanci tieghu gew mibdula ghal GBO 848 nhar it-12 ta' Frar, 2013 fid-data tat-transfer tieghu kif jirrizulta mid-dokument esebit minnha mmarkat bhala dok KC.[10]

L-imputat **Manuel Abela** ma xehedx pero irrilaxxja stqarrija nhar it-28 ta' Frar 2013[11] u mistoqsi jekk kienx involut fis-serqa li kien hemm fit-truck cherry picker li kien ipparkjat Rahal Gdid nhar it-23 ta Novembru 2010 ighid li kien u ammetta li kien ha battery billi eleva il-bieba tat-tool box. Spjega li kien hemm bil-vettura tieghu Toyota Windy u pparkja hemm ghal-habta tal-11:30pm. Jghid li kien jaf li jkun hemm ghaliex rah hemm fi granet ohrajn. Dakinhar ha tornavit mieghu u llieva il-bieba u zarma il-battery.

Mistqosi jekk kienx jaf li kien hemm relays, charger u fuses ighid li rahom hemm pero ma hadhomx. Mistoqsi jekk ghalaqx il-bieba wara is-serqa ighid li kien ghalaqha pero baqghet imbewqa. Jghid li l-battery kienet zghira, sewda w uzaha minhabba il-mutur tat-tfal tieghu. Qal li huwa ma dahalx fil-kabina izda ghamel kollox mit-triq. Jghid li kien wahdu f'din is-serqa u lest li jaghmel tajjeb ghad-danni li kkaguna.

**Ikkunsidrat**;

10
[10] Fol. 91
11
[11] Dok DB1 a fol. 21

Illi meqjusa dawn il-provi flimkien, din il-Qorti hi tal-fehema illi r-rizultanzi processwali huma tali li kellhom legittimament u ragonevolment igibu lill-imputat passabbli ghar-reati addebitati.

La darba hemm konferma forensika illi l-lifter **10 CSE 304** – **marki ta` impronti digitali elevati minn fuq <u>il-kompartament tal-imsemmija vettura minn gewwa</u>, in-naha tal-passiggier** (ara folio 29) - kienet taqbel mal-marka tas-seba l-kbir tal-id il-leminija ta` Emanuel Abela (ara folio 106), il-prova fattwali tar-rabta bejn dak allegat mill-prosekuzzjoni u l-imputat saret b'mod shih u konklussiv.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-kwistjoni ta` l-ahjar sanzjoni applikabbli fic-cirkostanzi, din il-Qorti temmen illi tali sanzjoni ghandu jkollha skop duplici – u cioe` li tinghata piena/sanzjoni li tkun ta` deterrent ghall-hati u li jkollha wkoll element ta` restituzzjoni lejn min ikun sofra l-hsara.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tapplika l-Artikoli 28A u 28H, kif ukoll l-Artikolu 533, ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**KONKLUZJONI.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 28A, 28H, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 325(1)(b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta` l-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta` sena (1) prigunerija; izda tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul dak il-perijodu ta` tlett (3) snin mid-data ta` din l-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9, l-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Bis-sahha ta` l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti tordna lill-ħati li jħallas lis-socjeta` assikuratrici Elmo is-somma ta` €1,598.47 (ammont imhallas lil Godwin Attard) u lil Godwin Attard is-somma ta` €500 bħala kumpens għal telf minnu soffert u dana fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta` din l-ordni.

Skond l-Artikolu 28H(8) tal-Kap 9, l-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan l-artikolu jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu ma' din l-ordni.

In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qeda tikkundanna lill-ħati iħallas, lir-reġistratur, l-ispejjeż kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-espert Joseph Mallia fis-somma ta` €587.76 (ara folio 88). Konsegwentement qed tordna komunika ta` din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali ta` Malta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur